# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, il-Ħamis, 22 ta' Marzu, 2018

**Kawża Numru 8 (Kost.)**

**Rik. Nru. 23/13JRM**

Brian **VELLA**

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-7 ta' Marzu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li l-Qorti (a) ssib li l-fatt li s-sistema legali f'Malta ma jagħtix lok għar-rilaxx mill-ħabs ta' persuna kundannata għall-piena ta' għomor il-ħabs, fuq kunsiderazzjonijiet bħalma huma r-rimors tagħha għad-delitt li tkun wettqet u għar-rijabilitazzjoni tagħha, tikser il-jedd fundamentali ta' persuna bħal dik kif imħarsin fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet

Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”); u (b) tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq tal-imsemmi jedd fundamentali tiegħu. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-18 ta’ Marzu, 2013, li biha laqgħu għat-talbiet tar-rikorrent billi, b’mod preliminari, qalu li l-Prim Ministru ma jmissux tħarrek f’dan il-każ għaliex mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li l-qagħda tar-rikorrent tissarraf fi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament inuman jew degradanti. B’mod partikolari, l-intimati jgħidu li l-piena li ngħatat lir-rikorrent kienet inflitta wara proċess ġudizzjarju rett u bħala konsegwenza ta’ delitt kiefer li fih tilfu ħajjithom tnejn min-nies. Il-piena tal-għomor fil-ħabs hija maħsuba fil-liġi sewwasew minħabba delitti bħal dak li r-rikorrent instab ħati dwaru. Wara kollox, jaqa’ fuq l-Istat id-dmir ukoll li jħares lill-komumita’ minn persuni li, b’għemilhom, jistgħu jkunu ta’ periklu għan-nies f’każ li jerġgħu jagħmlu reati oħrajn. Huma jgħidu li ż-żamma tar-rikorrent fil-ħabs ma tissarrafx fi trattament inuman jew degradanti kif mifhuma kemm taħt l-artikolu relattiv fil-Kostituzzjoni u kif ukoll f’dak taħt il-Konvenzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet fis-smigħ tat-18 ta’ Marzu, 2013[1], li biha qalu li ma kellhomx oġġezzjoni li l-Qorti kif presjeduta tkompli tisma’ l-kawża, minkejja li l-imħallef kien wieħed mit-tliet imħallfin komponenti l-Qorti tal-Appell Kriminali li ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali li imponiet il-piena ta’ għomor il-ħabs fuq ir-rikorrent fis-sentenza tagħha;

Rat il-provi dokumentali mressqin mill-intimati;

Semgħet ix-xhud imressaq mill-intimati;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta’ Mejju, 2013[2], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fid-9 ta’ Lulju, 2013[3];

Rat in-Nota ta’ Riferenzi mressqa mir-rikorrent fl-10 ta’ Lulju, 2013[4];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fis-26 ta’ Awwissu, 2013[5];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

[1] Paġ. 62 tal-proċess
[2] Paġ. 111 tal-proċess
[3] Paġġ. 112 sa 124 tal-proċess
[4] Paġġ. 126 sa 190 tal-proċess
[5] Paġġ. 192 sa 201 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Lulju, 2014[6], li bih laqgħet talba magħmula mir-rikorrent biex jitħalla jressq Nota ta' Riferenzi ulterjuri għall-kunsiderazzjoni tal-Qorti;

Rat in-Noti ta' Riferenzi mressqin mir-rikorrent fit-18 ta' Lulju, 2014[7] u fil-11 ta' Novembru, 2016[8];

Rat l-att kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Ir-rikorrent jgħid li qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament inuman jew degradanti, bil-fatt li ma jistax igawdi minn ebda possibilita` ta' rikonsiderazzjoni wara li ngħata sentenza ta' għomor il-ħabs wara sejbien ta' ħtija ta' qtil ta' koppja f'Ġuri. Huwa jgħid li l-fatt li s-sistema legali f'Malta ma jqisx is-sogħba li persuna kundannata għall-piena ta' għomor fil-ħabs tista' turi jew għat-titjib jew riforma ta' persuna bħal dik waqt li tkun qiegħda sservi l-piena tagħha, jikkundannawh biex jibqa' l-ħabs sa ma jmut. Jgħid li din il-qagħda tissarraf fi ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi, għal din l-azzjoni, l-intimati jilqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-Prim Ministru ma jmissux tħarrek f'dan il-każ għaliex mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li l-qagħda tar-rikorrent tissarraf fi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament inuman jew degradanti. B'mod partikolari, l-intimati jgħidu li l-piena li ngħatat lir-rikorrent kienet inflitta wara proċess ġudizzjarju rett u bħala konsegwenza ta' delitt kiefer li fih tilfu ħajjithom tnejn min-nies. Il-piena tal-għomor fil-ħabs hija maħsuba fil-liġi sewwasew minħabba delitti bħal dak li r-rikorrent instab ħati dwaru. Wara kollox, jaqa' fuq l-Istat id-dmir ukoll li jħares lill-komunita` minn persuni li, b'għemilhom, jistgħu jkunu ta' periklu għan-nies f'każ li jerġgħu jagħmlu reati oħrajn. Huma jgħidu li ż-żamma tar-rikorrent fil-ħabs ma tissarrafx fi trattament inuman jew degradanti kif mifhuma kemm taħt l-artikolu relattiv fil-Kostituzzjoni u kif ukoll f'dak taħt il-Konvenzjoni;

[6] Paġ. 211 tal-proċess
[7] Paġġ. 212 sa 282 tal-proċess
[8] Paġ. 299 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet. Għall-kuntrarju, hemm qbil fil-biċċa l-kbira. Il-kwestjoni mqajma mir-rikorrent tirrigwarda l-ilment tiegħu li joħroġ miċ-ċirkostanzi tas-sejbien tal-ħtija u l-għoti tal-piena tal-għomor fil-ħabs b'riżultat ta' dak is-sejbien;

Illi, madankollu, jixraq li jissemmew ċerti fatti biex jgħinu biex wieħed jifhem il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt li sejrin isiru f'din is-sentenza;

Illi fl-14 ta' Frar, 2000, f'appartament fi Triq il-Prinjoli, f'Santa Luċija, kienu nstabu mejta l-miżżewġin Gerald u Ġuża Grima, wara li kien ilhom xi jiem ma jidhru fil-beraħ[9]. Mill-mod kif instabu, kien jidher li kienu nqatlu, u kien hemm indikazzjonijiet li juru li d-delitt kien sar fl-10 ta' Frar wara li l-koppja Grima ġew lura d-dar mill-festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta, fejn minn filmati televiżivi miġbuda dakinhar minn stazzjon privat tat-televiżjoni kienu jidhru li marru u liema filmati wrewhom libsin l-istess ħwejjeġ li bihom instabu mejtin fgati b'*tape* imdawwar ma' ħalqhom u mnifsejhom[10] u marbutin fl-appartament tagħhom;

Illi r-rikorrent (u xi persuni oħra) kien arrestat mill-Pulizija fis-17 ta' Frar, 2000, b'rabta mad-delitt. Dak iż-żmien kien joqgħod fl-istess blokka ta' appartament li fih instabu maqtula l-miżżewġin Grima. Huwa ta tliet (3) stqarrijiet – l-ewwel waħda minnhom jumejn wara li kien arrestat – lill-Pulizija fuq medda ta' madwar xahrejn minn mindu sar magħruf id-delitt, u dejjem baqa' jiċħad li kien imdaħħal fil-qtil u li fl-istess qtil kien imdaħħal ħaddieħor li kien iltaqa' miegħu għal xi ħin fl-10 ta' Frar;

Illi l-Pulizija Eżekuttiva ressqu lir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-3 ta' Mejju, 2000, u xlietu bil-qtil tal-miżżewġin Grima;

Illi wieħed mill-persuni li l-Pulizija kienet ġabret b'rabta mad-delitt, Dominic Bonniċi, kien stqarr li kien imdaħħal fil-każ u kien ta tagħrif dwar kif ir-rikorrent kien imdaħħal ukoll sa miż-żmien meta kienet qiegħda titħejja s-serqa li kellha ssir mid-dar tal-miżżewġin Grima[11];

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Lulju, 2011[12], ikkonfermat għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali;

Illi matul iż-żmien li r-rikorrent beda jservi s-sentenza, huwa ibbenefika minn okkażjonijiet ta' frank ('*prison leave*') kemm minħabba okkażjonijiet tal-familja

[9] Ara Dok "BV", f'paġġ. 67 sa 74 tal-proċess
[10] Ara d-Dokti f'paġġ. 89 sa 93 u 95 sa 100 tal-proċess
[11] Ara dok f'paġġ. 82 – 4 tal-proċess
[12] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 52 tal-proċess

u kif ukoll minħabba ċirkostanza oħra marbuta mal-mewt ta' qarib[13]. Dawn iċ-ċirkostanzi kienu ġrajja fejn ir-rikorrent inħareġ mill-Faċilita` Korrettiva għal ftit sigħat kull waħda. Il-liġi fis-seħħ[14] ma tippermettix li r-rikorrent jibbenefika minn tnaqqis taż-żmien li s-sentenza (kif konfermata) ordnatlu li jservi;

Illi f'xi żmien matul l-2013, tfasslu skemi ta' għoti ta' frank lil priġunieri fil-faċilita' korrettiva f'ċirkostanzi imfissra f'Direttiva Ministerjali Ġenerali[15], li wħud minnhom jgħoddu wkoll għal dawk li jkunu qegħdin iservu piena ta' għomor il-ħabs[16]. Jirriżulta li, bejn l-2009 u l-2012, ir-rikorrent inqeda minn din id-Direttiva għal ħames (5) darbiet biex jitħalla joħroġ mill-faċilita` għal okkażjonijiet partikolari u l-ħames talbiet tiegħu ntlaqgħu[17]. Madankollu, ir-rikorrent, minħabba li ngħata piena ta' għomor il-ħabs, ma jistax jibbenefika minn tnaqqis tas-sentenza bis-saħħa tar-regolamenti fis-seħħ[18];

Illi fis-7 ta' Marzu, 2013, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jolqtu l-każ, jibda biex jingħad li l-azzjoni tar-rikorrenti hija limitata għall-kwestjoni tal-effetti li s-sentenza ta' għomor il-ħabs tħalli fuq it-tgawdija tal-jedd fundamentali tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament inuman jew degradanti. Din l-azzjoni ma tattakka l-ebda parti mill-proċess kriminali li huwa kien suġġett għalih u lanqas is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali u dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali li ikkonfermat dik tal-ewwel istanza[19]. Huwa jisħaq ukoll li l-azzjoni tiegħu tagħraf bejn il-piena inumana jew degradanti u t-trattament inuman jew degradanti u jgħid li persuna tista' ġġarrab ksur tal-jedd tagħha li ma tingħatax trattament inuman jew degradanti wkoll jekk ma tkunx ingħatat piena inumana jew degradanti;

Illi għalhekk il-każ tar-rikorrent jinbena fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Fiċ-ċirkostanzi ta' kif imxiet din il-kawża, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrent taħt l-aspett tal-imsemmija żewġ artikoli flimkien, u tqishom fil-qafas taċ-ċirkostanzi fattwali li joħorġu mill-provi mressqin mill-partijiet u mill-kostatazzjonijiet li setgħet tagħmel il-Qorti meta aċċediet fiċ-Ċentru in kwestjoni;

Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizża l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita.*

[13] Dok "JBB", f'paġ. 104 tal-proċess
[14] Art. 22(2) tal-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi (Att XXI tal-2011, Kap 516)
[15] Dok "JBA", f'paġġ. 101 – 3 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Joanne Battistino f'paġġ. 106 – 7 tal-proċess
[17] *Ibid.* f'paġ. 107 tal-proċess
[18] Art. 22(2) tal-Kap 516
[19] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 112 tal-proċess

...". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xiħadd jittratta lil xiħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "an unqualified prohibition"[20]) u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid[21]. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw b'mod preventiv li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravita' u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-proċediment li jkun. Huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġiba mhux xierqa fuq xiħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severita` li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;

Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case*."[22] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[23], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[24];

Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-għemil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[25], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[26];

---

[20] Cfr R. Gordon, T Ward & T Eicke The Strasbourg Case Law: Leading Cases from the European Human Rights Reports (Sweet & Maxwell 2001) f'paġ. 117
[21] Kemm hu hekk, ara art. 15 tal-Konvenzjoni
[22] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, paġġ. 80 - 1
[23] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[24] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575
[25] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[26] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "*gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati*[27]*, jeħtieġ ċertu grad ta' gravita'*"[28], li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[29]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[30];

Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravita`[31] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[32]. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[33];

Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[34]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[35]. Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account*"[36];

Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-eta` u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "*iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita' li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu*"[37]. L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti dwar

[27] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[28] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[29] Q.E.D.B. **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lecomte vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2
[30] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[31] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)
[32] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[33] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 7.3, f'paġġ.412 u 415
[34] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111
[35] Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'paġġ. 241 – 3
[36] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338
[37] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et***

jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment[38];

Illi fil-qofol tiegħu, l-ilment tar-rikorrent huwa li, taħt il-liġi kif inhi sallum, huwa qatt mhu se jkollu l-possibilita` li mqar japplika għal tnaqqis fil-piena li ngħatatlu jew li japplika għall-*parole* jew xi għamla ta' remissjoni. Huwa jgħid li, lil hinn minn jekk jistħoqqlux li jingħata l-*parole*, il-fatt waħdu li wkoll kieku kellu jressaq talba lill-awtoritajiet kompetenti f'dan is-sens, talba bħal dik ma tistax tintlaqa' sewwasew għaliex huwa qiegħed iservi sentenza ta' għomor fil-ħabs[39]. Jgħid li dan jikkostitwixxi l-ksur tal-jedd fundamentali li dwaru qiegħed jilminta;

Illi fir-rigward ta' każijiet fejn persuna tkun ingħatat sentenza ta' ħabs, il-kwestjoni dwar jekk il-piena nnifisha kinitx tikser il-jedd li persuna ma tingħatax trattament degradanti jew inuman kienet mistħarrġa f'għadd ta' drabi u minħabba għadd ta' ċirkostanzi. Dan jgħodd ukoll fejn il-piena tkun waħda ġustifikata u mistħoqqa għar-reat li dwaru l-persuna ikkundannata tkun instabet ħatja wara proċess li tmexxa kif imiss. Dan l-istħarriġ sar kemm dwar il-kundizzjonijiet li fihom il-persuna tkun tinżamm biex tiskonta l-piena mogħtija u kif ukoll dwar l-aspetti ta' reviżjoni li dik il-piena toffri lill-persuna misjuba ħatja, fejn l-imġiba tagħha jew il-qagħda fiżika tagħha jitolbu r-reviżjoni tal-piena mogħtija. Qamet ukoll il-kwestjoni tal-għan riformativ tal-piena mogħtija u xejn anqas dik li tagħraf ukoll id-dinjita` tal-persuna misjuba ħatja liema dinjita' ma tintilifx minkejja s-sejbien tal-ħtija[40]. Il-fatt li l-piena ta' għomor fil-ħabs timplika wkoll żmien li ma jgħaddix sakemm iddum ħajja l-persuna misjuba ħatja wkoll jaf jagħti lok għal ċirkostanza fejn dan l-istħarriġ isir rilevanti[41];

Illi r-rikorrent jgħid li, fil-qagħda tal-liġi kif insibuha llum, il-piena tal-għomor il-ħabs li ngħatatlu laħqet l-għan punittiv imma tonqos għal kollox milli twieżen dak preventiv jew riformattiv, billi ma tagħti l-ebda wisgħa biex hu jista' jingħata l-inċentiv li jinbidel, jirriforma jew jaspira li jirreintegra ruħu fis-soċjeta', għaliex dan ma jservih xejn, minbarra li jxejjinlu d-dinjita` tiegħu. Huwa jgħid ukoll li, fin-nuqqas ta' rimedju legali għal persuna fil-qagħda tiegħu, il-miżura ta' amnestija mill-Kap tal-Istat[42] ma sservix biex tibdel il-qagħda mwiegħra tiegħu, sewwasew għaliex hija prerogattiva li tintuża biss f'każijiet eċċezzjonali u rari u tiddependi minn diskrezzjoni u mhux minn proċedimenti jew kriterji ċari u fissi mfissra fil-liġi;

---

38 Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Dilek Sahan et vs Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***
39 Ara art. 10(3)(ġ) tal-Kap 516
40 William A. Schabas <u>The European Convention on Human Rights: A Commentary</u> (O.U.P. 2015), paġġ. 187 – 8
41 Q.E.D.B. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) §§ 96 – 7
42 Art. 93(1) tal-Kostituzzjoni

Illi min-naħa tagħhom, l-intimati jisħqu li l-ilment tar-rikorrent ma huwa bl-ebda mod mistħoqq u jgħidu li l-fatt li r-rikorrent kien kundannat għal sentenza ta' għomor fil-ħabs ma kienx jixhed ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Huma jgħidu li, l-fatt waħdu li persuna li qiegħda sservi sentenza ta' għomor fil-ħabs ma tistax tinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi ma jfissirx b'daqshekk ma tistax tinqeda b'xi liġi oħra fis-seħħ biex tikseb ir-rimedju li r-rikorrent jgħid li m'għandux. Huma jisħqu li, biex tabilħaqq ikun tħares il-jedd li persuna ma tingħatax trattament inuman jew degradanti minħabba s-sentenza li tkun qiegħda sservi fil-ħabs, ikun biżżejjed li l-liġi tagħti l-possibilita` ta' '*release on licence*' jew '*prison leave*' bla ma hemm għalfejn tingħata tnaqqis mill-piena erogata jew it-temm tas-sentenza. Huma jgħidu li mill-provi li ressqu, l-istess rikorrent inqeda b'dawn ir-rimedji u li kull darba li talab il-ħelsien biex jattendi għal funzjonijiet personali, it-talba tiegħu ntlaqgħet. Minbarra dan, jgħidu li l-prerogattiva tal-ħniena li l-Kostituzzjoni tagħti lill-President tar-Repubblika huwa wkoll rimedju ieħor mogħti lil persuni li jinsabu fl-istess qagħda tar-rikorrent u li l-Qorti ta' Strasburgu qisitu wkoll bħala wieħed mir-rimedji biex persuna li qiegħda sservi sentenza tista' titlob reviżjoni tagħha għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti tagħraf li l-piena li ngħatat lir-rikorrent kienet ir-riżultat ta' sejbien ta' ħtija ta' delitt aħrax fejn tnejn min-nies anzjani inqatlu meta r-rikorrent u oħrajn daħlu f'darhom biex jisirqu minn dik id-dar. Tagħraf ukoll li l-piena tal-għomor il-ħabs ingħatat minkejja li l-ġurati ma kinux unanimi fil-fehma tagħhom dwar il-ħtija tar-rikorrent. Tagħraf ukoll li l-ħruxija li biha l-miżżewġin Grima nqatlu kien jixhed li r-rikorrent u min kien miegħu darbu bl-ikrah is-sentimenti tas-soċjeta` li tistenna li persuna tħallas għal għemilha;

Illi madankollu, il-Qorti tagħraf ukoll li, f'dan ir-rigward, il-persuna li tkun instabet ħatja tal-eħrex delitti ma għandhiex titlef mid-dinjita' tagħha u jibqgħalha dejjem il-jedd li tittama li, wara li tħallas ta' għemilha, tkun kunsidrata li tgħallmet minn dak in-nuqqas u tinbidel mit-triq li kienet qabdet. F'waħd mill-opinjonijiet mogħtija minn waħda mill-imħallfin tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'sentenza ewlenija li tolqot l-aspett tal-piena tal-għomor fil-ħabs, inkiteb hekk "*Article 3 encompasses what might be described as the 'right to hope'. It goes no further than that. The judgment recognizes, implicitly, that hope is an important and constitutive aspect of the human person. Those who commit the most abhorrent and egregious of acts and who inflict untold suffering upon others, nevertheless retain their fundamental humanity and carry within themselves the capacity to change. Long and deserved though their prison sentences may be, they retain the right to hope that, someday, they may have atoned for the wrongs which they have committed. They ought not to be deprived entirely of such hope. To deny them*

*the experience of hope would be to deny a fundamental aspect of their humanity and, to do that, would be degrading*"[43];

Illi l-imsemmi "jedd għat-tama" ma jfissirx li l-piena tal-għomor fil-ħabs hija minnha nnifisha piena li tikser il-jedd li persuna ma tingħatax trattament inuman jew degradanti: u lanqas ma jkun hemm ksur tal-istess jedd jekk, wara li persuna hekk kundannata tressaq talba għall-ħelsien, it-talba tagħha ma tintlaqax, minħabba li tkun għadha meqjusa bħala persuna perikoluża għas-soċjeta` jew li ma għarfitx il-ħtieġa li tinbidel[44]. Il-ħarsien tas-soċjeta` mill-periklu ta' persuna li ma tridx tibdel trieqtha jew li tibqa' tkun ta' periklu għal ħaddieħor jorbot lill-Istat li jżomm u jrażżan lil dik il-persuna misjuba ħatja, minkejja li jkun għadda żmien sewwa minn meta tkun wettqet id-delitt li tiegħu nstabet ħatja[45];

Illi madankollu, illum il-ġurnata jinsab aċċettat li sabiex sentenza ta' għomor il-ħabs ma tkunx tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmu ta' reviżjoni tal-qagħda. Dan jimplika li (i) persuna ma għandhiex tinżamm isservi sentenza jekk kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni penoloġika tajba biex dan jibqa' jsir, liema raġuni tista' tkun waħda punittiva, jew għall-ħarsien tal-pubbliku in ġenerali jew bil-għan li tibdel lill-persuna miżmuma; (ii) tqum il-biżgħa li persuna mitfugħa l-ħabs bla tama li qatt tinħeles jew bla possibilita` ta' reviżjoni tas-sentenza li tkun ingħatat ma tistax tpatti għal dak li tkun għamlet u aktar ma ttul is-sentenza anqas tkun proporzjonali mad-delitt li għalih tkun ingħatat; u (iii) l-aspett tar-rijabilitazzjoni tal-persuna mibgħuta l-ħabs huwa mistenni minn kull soċjeta' li tqiegħed id-dinjita' umana fil-qalba tal-valuri tagħha[46]. Huwa minnu li "*the balance between these justifications for detention is not necessarily static and may shift in the course of the sentence. What may be the primary justification for detention at the start of the sentence may not be so after a lengthy period into the service of the sentence. It is only by carrying out a review of the justification for the continued detention at an appropriate point in the sentence that these factors or shifts can be properly evaluated*"[47];

Illi in ġenerali huwa stabbilit li "*in the context of a life sentence Article 3 must be interpreted as requiring reducibility of the sentence, in the sense of a review which allows the domestic authorities to consider whether any changes in the life prisoner are so significant, and such progress towards rehabilitation has been made in the course of the sentence, as to mean tht continued detention can no longer be justified on legitimate penological grounds. .. .. .. where domestic law does not provide for the possibility of such a review, a whole life sentence will not measure up to the standards of Article 3 of the Convention. .. .. .. a*

---

[43] Opinjoni tal-imħallef Ann Power-Forde fis-sentenza Q.E.D.B. (GC) **9.7.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Vinter et vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 66069/09)
[44] Q.E.D.B. **16.12.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***V vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 24888/94) § 98
[45] Q.E.D.B. **15.12.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Maiorano et vs Italja*** (Applik. Nru. 28634/06) §108
[46] Q.E.D.B. **11.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Murray vs L-Olanda*** (Applik. Nru. 10511/10) §§ 99 – 105
[47] Q.E.D.B. ***Vinter et vs Renju Unit*** § 111

*whole life prisoner should not be obliged to wait and serve an indeterminate number of years of his sentence before he can raise the complaint tht the legal conditions attaching to his sentence fail to comply with the requirements of Article 3*"[48];

Illi jidher li biex il-proċess ta' reviżjoni jitqies li jwettaq dak li għadu kemm issemma, jeħtieġ li jkun proċess stabbilit mil-liġi u mhux imħolli għad-diskrezzjoni tal-awtorita`; irid ukoll proċess li ma jkunx jgħodd biss meta ħajjet il-persuna li qiegħda sservi s-sentenza tal-għomor tkun waslet fi tmiemha, imma trid tkun tgħodd għal ċirkostanzi oħrajn li juru bidla fil-qagħda minn dik li kienet teżisti meta tkun ingħatat is-sentenza; irid ukoll ikun proċess li jagħti ħjiel ċar tal-kriterji meħtieġa biex persuna li qiegħda sservi sentenza tkun tista' titlob ir-reviżjoni, magħduda ċ-ċirkostanzi tal-bidla tal-karattru u titjib fl-imġiba tal-persuna sentenzjata[49];

Illi kemm hu hekk, ingħad li "*a whole life prisoner is entitled to know, at the outset of his sentence, what he must do to be considered for release and under what conditions, including when a review of his sentence will take place or may be sought. Consequently, where domestic law does not provide any mechanism or possibility for reviewof a whole life sentence, the incompatibility with Article 3 on this ground already arises at the moment of the imposition of the whole life sentence and not at a later stage of incarceration*"[50]

Illi għalhekk, għal dak li jsemmu l-intimati dwar rimedji oħrajn li, taħt il-liġi f'Malta, jingħataw lil persuni li qegħdin iservu sentenza ta' għomorhom fil-ħabs, il-Qorti tifhem li l-prerogattiva tal-ħniena li l-Kostituzzjoni tagħti lill-President tar-Repubblika huwa rimedju li jista' jindirizza xi ftit il-possibilita` li s-sentenza u n-nuqqas ta' reviżjoni tagħha jistgħu jwasslu għall-ksur li persuna ma għandhiex tingħata trattament inuman jew degradanti. Il-Qorti tagħraf ukoll li tali prerogattiva tqieset ukoll bħala miżura li tista' ma tħallix sentenza ta' għomor fil-ħabs iġġib ksur tal-jedd taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni[51];

Illi, madankollu, il-fatt li, fis-sistema tagħna l-prerogattiva presidenzjali tal-maħfra ma tiddependix minn kriterji preskritti jew minn xi proċedura stabbilita, jnaqqar ħafna mill-effettivita` u l-effikaċja ta' dan is-sistema biex jiżgura li ma jseħħx ksur tal-jedd tal-persuna sentenzjata li ma tingħatax trattament inuman jew degradanti. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-kriterji marbuta ma' xi jwassal lill-President biex jagħti l-maħfra żgur ma jkunux magħrufa lill-persuna sentenzjata mal-għoti ta' dik is-sentenza, kif issemma aktar qabel li għandu jkun;

---

[48] *Ibid* §§ 119, 121 u 122
[49] Q.E.D.B. (GC) **17.1.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Hutchinson vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 57592/08) § 59
[50] Q.E.D.B. **20.5.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Laszlo Magyar vs Ungerija*** (Applik. Nru. 73593/10) § 53
[51] Q.E.D.B. **8.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Harakchiev & Tomulov vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 15018/11) §§ 252, 255 u 261

Illi din il-kwestjoni tas-siwi u l-effikaċja tal-prerogattiva Presidenzjali tal-maħfra tqieset mill-Qorti Kostituzzjonali li sabet li s-sistema mħaddem taħt l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ma kienx jagħti ħarsien biżżejjed biex persuna li qiegħda sservi sentenza ta' għomor fil-ħabs ma ġġarrabx ksur tal-jeddijiet tagħha kif imħarsin bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni[52]. Kienet tal-istess fehma fejn jidħol is-sistema tal-'*prison leave*' imfassal fid-Direzzjoni Ġenerali Ministerjali maħruġa għall-finijiet tar-Regolamenti tal-Ħabs[53] u sabet li bosta miċ-ċirkostanzi li taħthom jingħata l-'*prison leave*' ma kinux jiddependu mill-imġiba tal-persuna li qiegħda sservi s-sentenza jew minn kemm inbidel, iżda minn ċirkostanzi li huwa ma jkollu l-ebda kontroll fuqhom[54];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-ewwel talba tar-rikorrent hija tajba u sejra tilqagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tieni talba attriċi** l-Qorti tagħraf li sakemm ma jitfassalx proċediment fejjiedi biex tirrimedja għall-qagħda li jinsab fiha r-rikorrent, il-ksur li huwa qiegħed iġarrab tal-jedd fundamentali tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament inuman jew degradanti se jibqa' għaddej;

Illi minkejja s-setgħat li din il-Qorti tgawdi fi proċeduri bħal din li għandha quddiemha, ma għandhiex is-setgħa li tqis jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibbenefika minn tnaqqis tas-sentenza jew mill-għoti ta' *parole* jew jekk fil-qagħda tiegħu llum seħħewx bdil għall-aħjar f'imġiebtu jew fil-karattru tiegħu li jwasslu għal reviżjoni tas-sentenza mogħtija lilu. Tqis ukoll li sallum, minkejja li kien tnieda proċess biex jiddaħħlu dispożizzjonijiet fil-liġi[55] li b'xi mod setgħu indirizzaw il-problema, ma sarux bidliet fil-liġi biex jirrimedjaw il-qagħda li wasslet biex ir-rikorrent iġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu kif issemma aktar qabel;

Illi f'dan ir-rigward ukoll il-Qorti tqis li fil-liġi tagħna għadu lanqas jeżisti mekkaniżmu li jiddeċiedi jekk ir-rikorrent jistħoqqlux li jingħata tnaqqis fil-piena, għaliex il-liġi għadha torbot lill-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi li ma jnaqqasx sentenzi ta' ħabs fil-każ ta' persuni ikkundannati għal għomorhom. Il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha wkoll li s-sentenza inflitta fuq ir-rikorrent saret definittiva fit-28 ta' Lulju, 2011, u għalhekk fil-waqt li qiegħda tingħata din is-sentenza ma jkunx ilu ż-żmien rakkomandabbli ta' ħamsa u għoxrin (25) sena ta' detenzjoni effettiva fil-ħabs[56] biex jitnieda l-proċess tar-reviżjoni tas-sentenza tiegħu. Meta ngħatat is-sentenza tal-Qorti Kriminali, dik il-Qorti ma kenitx wettqet id-diskrezzjoni tagħha taħt l-artikolu 493 tal-Kodiċi

[52] Kost. **7.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Ben Hassine Ben Ali Wahid vs L-Onor. Prim Ministru et*** § 41 u 51
[53] Ara reg. 61 tal-A.L. 118/1995 (kif emendat) (L.S. 260.03)
[54] *Ibid* § 45 u 51
[55] Abbozz ta' Liġi 199/2017 (10.3.2017)
[56] Dan huwa l-perjodu rakkomandat mill-Q.E.D.B. fil-kawża ***Vinters et vs Renju Unit*** f'każ fejn il-Qorti fis-sentenza tagħha ma tkunx irrakkomandat hi żmien minimu ta' inkarċerazzjoni

Kriminali u għalhekk ma għamlet l-ebda rakkomandazzjoni dwar meta r-rikorrent seta' jitlob ir-reviżjoni wara l-għoti tas-sentenza;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra wkoll tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent;

Illi f'dan ir-rigward, filwaqt li tittama li l-leġislatur jipprovdi l-bidliet meħtieġa fil-liġi fil-waqt xieraq u bla tnikkir, il-Qorti tordna li, mal-għeluq tal-perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena minn mindu ngħatat is-sentenza u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tar-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole* imwaqqaf taħt l-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi[57] li jkollu s-setgħa u d-dmir li jqis iċ-ċirkostanzi kollha tar-rikorrent f'dak iż-żmien u jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibbenefika minn xi wieħed mir-rimedji mogħtijin mill-istess imsemmi Att (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) bħalma tista' tibbenefika kull persuna oħra li tkun qiegħda sservi sentenza definittiva ta' ħabs imma mhux għal għomorha;

Illi fl-aħħarnett il-Qorti sejra tqis l-**eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-intimati. Biha jgħidu li l-intimat Prim Ministru ddaħħal fil-kawża għal xejn għaliex mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni, għalkemm waqt li kienu qegħdin jitressqu s-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm, l-għaref difensur tar-rikorrent irribatta għall-eċċezzjoni billi semma xi deċiżjoni li din il-Qorti presjeduta kienet tat f'sentenza dwar eċċezzjoni bħalha fl-2011[58]. Il-Qorti tgħid li r-rikorrent ma jistax jistrieħ fuq is-sentenza msemmija minnu sewwasew għaliex dik is-sentenza nqalbet mill-Qorti Kostituzzjonali li sabet li l-Prim Ministru ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-ilment u l-azzjoni mnedija mill-attur f'dik il-kawża[59];

Illi l-intimati joqogħdu fuq dak li jgħid l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħqu li l-intimat Avukat Ġenerali waħdu huwa l-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi;

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li

[57] Att XXI tal-2011 (Kap 516) art 8.
[58] P.A.. Kost **17.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Anthony P. Farruġia vs Onor. Prim Ministru et*** (*in parte*)
[59] Kost. **8.5.2017**

jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[60]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi l-kwestjoni tas-sehem li l-Prim Ministru jista' jkollu f'kawżi dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali jidher li mhux minn dejjem kienet mogħtija l-istess tifsira mill-Qrati u l-awturi. Iżda issa jidher li dwar l-imsemmija kwestjoni l-Qorti Kostituzzjonali fl-aħħar żminijiet stabiliet linja ta' deċiżjonijiet li turi li, wkoll fejn fl-ilment imressaq dwar ksur ta' jedd fundamentali tintalab dikjarazzjoni li dispożizzjoni ta' liġi nnifisha tikser xi jedd fundamentali, f'dak il-każ il-kontradittur leġittimu jkun l-Avukat Ġenerali u mhux il-Prim Ministru[61];

Illi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[62], l-intimati jqajmu l-kwestjoni dwar jekk ir-rikorrent għandux l-interess ġuridiku li jmexxi 'l quddiem din il-kawża tiegħu. Il-Qorti tosserva li din il-kwestjoni ma kienet tqajmet qatt bħala eċċezzjoni formali u ma jidhrilhiex li huwa sewwa li l-parti mħarrka tqajjem kwestjoni bħal din f'Nota ta' Sottomissjonijiet fl-għeluq bla ma tkun imxiet ma' dak li tgħid il-liġi dwar kif u meta jistgħu jitressqu eċċezzjonijiet oħrajn wara li jkunu tressqu l-eċċezzjonijiet fil-bidu tal-kawża u wara li jkun għalaq l-istadju tal-proċedura bil-miktub;

Illi f'kull każ, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-argument tal-intimati huwa tajjeb u r-rikorrent wera, sa mill-bidu tal-kwża, li kellu kull interess li jmexxi 'l quddiem l-ilment tiegħu u li l-interess li seta' kellu fil-bidu tal-kawża baqa' bla mittiefes matul is-smigħ tal-kawża u l-qagħda tiegħu baqgħet ma ġietx sallum rimedjata;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Prim Ministru u ssib li mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u qiegħda teħilsu milli jibqa' fil-kawża;

---

[60] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[61] Ara, b'eżempju, Kost. **7.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Spiteri et vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta***; Kost. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuele Caruana et vs Il-Prim Ministru et***; Kost. **14.12.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Aġius vs Avukat Ġenerali et***; u Kost. **24.6.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***David Mifsud vs Onor. Prim Ministru et***
[62] Paġ. 195 tal-proċess

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li r-rikorrent ġarrab u qiegħed iġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġett għal trattament inuman u degradanti taħt l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni safejn il-liġi f'Malta ma tagħtix li persuna li tkun ikkundannata b'sentenza tal-Qorti kompetenti biex isservi sentenza ta' għomor fil-ħabs tista' titlob reviżjoni tas-sentenza li ngħatatilha fl-ebda żmien;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna li, mal-għeluq tal-perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena minn mindu ngħatat is-sentenza u sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi ta' liġi li jgħidu mod ieħor, il-każ tar-rikorrent jitressaq quddiem il-Bord tal-*Parole* imwaqqaf taħt l-Att tal-2011 dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, li jkollu s-setgħa u d-dmir li jqis iċ-ċirkostanzi kollha tar-rikorrent f'dak iż-żmien u jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibbenefika minn xi wieħed mir-rimedji mogħtijin mill-istess imsemmi Att (jew Att ieħor li jiddaħħal minfloku) bħalma tista' tibbenefika kull persuna oħra li tkun qiegħda sservi sentenza definittiva ta' ħabs imma mhux għal għomorha; u

**Tordna** li l-intimat Avukat Ġenerali jħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, minbarra dawk tal-intimat Prim Ministru, li jħallashom ir-rikorrent.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Marzu, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**22 ta' Marzu, 2018**

22 ta' Marzu, 2018